## XI PUNTI LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦALL-OMELIJA

#### 1. IL-PARABBOLA TAT-TALENTI.

- It-talenti fil-parabbola huma flus, mhux xi ħiliet kif ħafna drabi nirreferu għalihom illum (bħal talenti sportivi, artistiċi, eċċ.)
- Is-sid ħalla ġidu f'idejn il-qaddejja tiegħu biex jinvestuh tajjeb, ħalli meta jiġi lura jkun jista' jiġbor l-imgħaxijiet.
- Ovvjament Ġesu' mhux qed jagħmel lezzjoni tal-ekonomija u l-finanzi, iżda qed jurina li Alla l-Imbierek se jitlobna kont tal-ġid li afdalna f'idejna.

#### 2. GĦAL LIEMA ĠID QED JIRREFERI ĠESU'?

Alla afdalna f'idejna ġidu kollu biex inħaddmuh tajjeb kif irid Hu ħalli joktor u jħalli l-qliegħ mixtieq minnu. Fiex jikkonsisti konkretament dan il-ġid?

- Il-ħolqien kollu.
- L-għerf u l-valuri, li nsibu fit-tagħlim tiegħu.
- Il-ħajja t'Ibnu Ġesu' Kristu, li ngħata għalina.

#### X'INHUMA L-IMGĦAXIJIET LI QED JISTENNA MINNA?

- Il-ġustizzja, l-mħabba, il-ħniena, il-kompassjoni, il-ġenerożità, is-solidarjetà u l-virtujiet kollha meħtieġa sabiex ħajjitna ssir tixbah lill-ħajja tiegħu.
- Il-virtujiet jiddisponu 'l qalb tagħna biex nilqgħu lil Ġesu': Ġesu' jgħammar fina, jgħix fina u permezz tagħna, sabiex ikompli l-missjoni tiegħu llum.
- Illum, fis-soċjetà tagħna, Ġesu' juri l-mħabba tiegħu għall-fqar permezz tagħna li nilqgħuh f'qalbna u noffrulu ħajjitna.
- B'dan il-mod, aħna nsiru l-manifestazzjoni tal-imħabba t'Alla għall-fqar fid-dinja tal-lum.

#### 3.1 ID-DESTINAZZJONI UNIVERSALI TAL-ĠID U L-PROPRJETÀ PRIVATA.

- Alla ħalaq kollox għal kulħadd u mhux biss għal xi wħud. Għalhekk kulħadd għandu dritt u d-dmir li jgawdi minn dan il-ġid li Alla jipprovdi għal kull bniedem.
- Ħadd m'għandu dritt jikkapparra xi ġid għalih biss u jħalli lil ħaddieħor jgħix fil-miżerja. Dan jgħodd kemm għall-individwi, għall-familji, għan-negozji u għall-pajjiżi.
- Għalina l-Insara, il-proprjetà privata mhijiex dritt assolut, kif jemmnu l-liberali, imma hija għas-servizz tad-destinazzjoni universali tal-ġid, biex ilkoll kemm aħna jkollna dak kollu li hu meħtieġ ħalli ngħixu ħajja diċenti u li tixraq lil kull bniedem.
- Il-ġid li wieħed jakkwista b'mod onest u ġust irid ukoll jużah tajjeb u mhux jagħmel bih li jrid. Ħadd minna l-Insara ma jista' jberbaq ġidu f'kappriċċi u jħalli 'l ħaddieħor jgħix fil-miżerji. Hija l-fehma tal-liberali, li wieħed jemmen u jgħid: 'Dan ġidi u b'ġidi nagħmel li rrid'. Aħna l-Insara nemmnu li l-ġid hu don t'Alla u għandna nużawh biex nwettqu dak li Alla jitlob minna sabiex inħarsu l-ġid sħiħ tagħna u tal-bnedmin kollha, mingħajr ebda distinzjoni.
- Alla dejjem jikkundanna l-qliegħ li wieħed jagħmel frott il-qerq, l-inġustizzji u l-maltrattament ta' bnedmin oħra. Ħadd ma jista' jistgħana bi dritt minn fuq dahar ħaddieħor.
- Barra minn hekk, il-qima awtentika tagħna lejn Alla turi ruħha fl-għajnuna lill-fqar.

#### 3.2 REFERENZI:

- **Id-destinazzjoni universali tal-ġid u l-proprjetà privata:** Alla ħalaq kollox għal kulħadd: Ġen 1, 28-29; L-art hi ta' Alla: Lev 25, 23; Salm 24, 1; Id-destinazzjoni universali tal-ġid: Gaudium et Spes (GS) 69; Populorum Progressio (PP) 22-23; Sollicitudo Rei Socialis (SRS) 42; Centesimus Annus (CA) 30-43; Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja (KDSK) numri 171-178; Laudato Si (LS) 93-94; Ilkoll Aħwa (IA) nr.120;
- **L-użu tajjeb tal-proprjetà privata għall-ġid ta' min hu fil-bżonn:** Lev 25, 35-38; Dewt 15, 7-8; Tob 4, 16; Prov 19, 17; Prov 31, 20; Sir 7, 32; Mt 5, 42 Mk 10, 17-22; Lq 16, 19-31; 1 Ġw 3, 17-18;

- **Wieħed m'għandux jikkapparra l-frott tal-art għalih biss, imma jrid jaħseb f'ħaddieħor:** Eż 23, 11; Lev 19, 9-10; Lev 23, 22; Dewt 24, 19-22.
- **Alla jikkundanna l-inġustizzja li wieħed jistgħana minn fuq dahar ħaddieħor:** Għam 2, 6-7a; Għam 8, 4-7.
- **Il-qima tagħna lejn Alla trid tkun imsieħba mal-għajnuna lejn il-fqar:** Iż 1, 11.13; Iż 58, 2c-3.6-7; It-tieni lezzjoni, Uffiċċju tal-Qari, XXI Ġimgħa, is-Sibt.

#### 4.1 NISSILTU KONTRA L-FAQAR U FAVUR IL-FQAR

- Il-ġlieda kontra l-faqar għandha ssir fuq tal-inqas ħames livelli:
- Noffru għajnuna u assistenza immedjata: noħorġu jdejna għall-fqir;
- Nagħtu vuċi u nkunu l-vuċi tal-fqar, sabiex nippromwovu kuxjenza u miżuri politiċi favur il-magħkus u kull minn qed ibati inġustizzji soċjali u ekonomiċi. Dan ifisser li l-assistenza trid tkun imsieħba ma' ħidma ta' advocacy favur il-fqar u promozzjoni tad-drittijiet umani u soċjali tagħhom;
- Naħdmu kontra l-istrutturi tad-dnub li qed joħloqu sistema ekonomika u finanzjarja inġusta (li hi mmexxija mill-prinċipju: l-ogħla qliegħ, akkost ta' kollox u b'kull mezz, bl-inqas spejjeż possibli) biex noħolqu soċjetà ġusta li tħares il-ġid komuni u ma tħallix li xi sinjuri jistagħnew dejjem aktar billi jfaqqru lil min hu dgħajjef u vulnerabbli ekonomikament;
- Nippromwovu l-virtujiet tal-ġustizzja, l-imħabba, il-kompassjoni, is-solidarjeta', is-sussidjarjetà u l-ġenerożità, biex negħlbu l-vizzji tar-rebgħa, l-egoiżmu, l-indifferenza (komdu jien komdu kulħadd) u kull forma oħra ta' inġustizzja, ħalli nsiru nies b'qalb miftuħa għall-fqar.
- Inxandru lil Ġesù, veru Alla u veru bniedem, li hu biss jista' jimla l-vojt li hemm f'qalbna, ħalli neqirdu l-idolatrija tal-flus, li aktar m'għandek aktar trid u qatt mhu biżżejjed (Santu Wistin: 'Qalbi ma ssib qatt kwiet jekk ma tsistrieħx fik'). San Pawl jgħallimna li r-regħba għall-flus hija l-għerq ta' kull ħażen (1 Tim 6, 10).

### 4.2 EŻEMPJI MID-DINJA TAL-LUM:

#### A. F'PAJJIŻNA:

- L-isfruttament ta' xi barranin, li minħabba li jkunu daharhom mal-ħajt lesti li jaċċettaw pagi miżeri li ma jixirqu lil ħadd;
- Persuni oħra (ħaddiema jew pensjonanti) li d-dħul tagħhom tant hu baxx, li mhuwiex biżżejjed biex jgħixu ħajja diċenti anke jekk jamministraw ġidhom bil-għaqal;
- Xi anzjani li jridu jagħżlu bejn jew iħallsu l-kera jew jixtru l-mediċini.

#### B. FIX-XENA INTERNAZZJONALI:

- Kumpaniji u banek multinazzjonali li jisfruttaw u jfaqqru pajjiżi fi żvilupp;
- Kumpaniji li jiffinanzjaw politiċi biex joħolqu gwerer ħalli jbigħu l-armi li jipproduċu, jikkapparraw ir-riżorsi naturali tal-pajjiżi fi gwerra u jġibhom finanzjarjament dipendenti fuqhom;
- Il-gwerer u l-miżerji li joħolqu dawn il-kumpaniji (bħall-isfruttament bla rażan tar-riżorsi naturali tagħhom u ċ-cheap labour) qed iwasslu biex popolazzjonijiet sħaħ ikollhom jaħarbu minn pajjiżhom bit-tama li jsibu kundizzjonijiet soċjali aktar umani għall-għajxien tagħhom.

**RIŻORSI ONLINE**

https://djakonija.org/foqra23

**X'tista ssib:**
verżjoni pdf u aktar hawn